

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Maya Marinova ET

Konvenuti: Direktor na Direksia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" Veliko Tarnovo pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite

Dispożittiv

L-Artikolu 2(1)(a), l-Artikolu 9(1), l-Artikolu 14(1) u l-Artikoli 73 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema ta' taxxa fuq il-valur miżjud kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha, fl-assenza, fil-maħżen ta' persuna taxxabbli, ta' merkanzija li ġiet ikkunsinnata lilha u fl-assenza ta' reġistrazzjoni, fil-kontabbiltà ta' din il-persuna taxxabbli, ta' dokumenti fiskali marbuta ma' din il-merkanzija, l-amministrazzjoni fiskali tista' tippreżumi li l-imsemmija persuna taxxabbli sussegwentement biegħet din il-merkanzija lil terzi, u tiddetermina l-valur taxxabbli tal-bejgħ tal-imsemmija merkanzija abbażi tal-punti ta' fatt li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, skont regoli li ma humiex previsti f'din id-direttiva. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet ta' din il-leġiżlazzjoni nazzjonali jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat il-ġbir korrett tat-taxxa fuq il-valur miżjud u sabiex tiġi evitata l-frodi.

⁽¹⁾ ĠU C 27, 25.01.2016.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-5 ta' Ottubru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-583/15) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Politika tat-trasport — Regolament (KE) Nru 1071/2009 — Operatur tat-trasport bit-triq — Semplifikazzjoni u kooperazzjoni amministrattiva — Artikolu 16(1) u (5) — Reġistru elettroniku nazzjonali tal-imprezzi ta' trasport bit-triq — Interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali)

(2016/C 441/08)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux, M. M. Farrajota u P. Guerra u Andrade, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u C. Guerra Santos, aġenti)

Dispożittiv

1) Billi ma ħolqitx reġistru elettroniku nazzjonali tal-imprezzi tat-trasport bit-triq, u billi ma stabbilixxietx għaldaqstant interkonnessjoni tar-reġistri elettroniċi nazzjonali tal-Istati Membri l-oħra, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 16(1) u (5) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Ottubru 2009, li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE.

2) Ir-Repubblika Portugiża hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 1.2.2016, p. 29.